MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 61/2002/1

**Damian Micallef.**

**-vs-**

**Rita Bonello.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fil-31 ta' Mejju, 2001, waqt li l-attur kien qed isuq il-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAI 754 fi Triq l-Imdina, H'Attard, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAA 898 misjuqa mill-konvenuta Rita Bonello;

Illi dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba imperizja traskuragni u nuqqas ta' osservenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni konsistenti fi hsarat fil-mutur li kien qed isuq, liema mutur huwa propjeta' tieghu, kif ukoll danni fuq persuntu konsistenti f'debilita' permanenti hekk kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, u danni ohra konsegwenzjali kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalkemm il-konvenuta giet interpellata tersaq bonarjament ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni u dan permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Settembru, 2001, hija baqghet inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fil-31 ta' Mejju, 2001, gewwa Triq l-Imdina H'Attard, liema incident l-attur sofra danni, inkluzi danni fuq il-persuna u danni ohra konsegwenzjali u kwindi tiddikjara lill-konvenuta responsabbli wkoll ghall-istess danni;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat tal-istess incident stradali jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Settembru, 2001, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fis-6 ta' Marzu, 2003 li permezz taghha l-konvenuta eccepixxiet;

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana peress illi l-incident stradali mertu tac-citazzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi ma sehhx minhabba htijiet imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur waqt li huwa kien qed isuq il-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAI-754.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali nkluz ir-rapport ta' l-espert mediku.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum wara li semghet lill-Avukati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tittratta tip ta' kollizjoni li dwarha kien hemm numru ta' sentenzi pjuttost konfliggenti matul is-snin. Ma hemmx dubbju li l-attur kien qed isuq il-mutur tieghu wara l-vettura misjuqa mill-konvenuta. Li ma jaqblux ezatt il-partijiet huwa dwar x'gara ezatt qabel il-habta; l-attur isostni li l-konvenuta waqfitlu f'daqqa biex tidhol go triq sekondarja u l-konvenuta tghid illi hija hadet il-prekawzjonijiet kollha fis-sens li waqfet u kien x'hin bdiet taghmel din il-manuvra li l-attur ittenta jissorpassaha mil-lemin taghha u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Illi fir-rigward tar-responsabilita’ ta’ l-incident, kif gia’ inghad ma hemmx unanimita’ fis-sentenzi tal-Qrati taghna. Ma hemmx dubbju li l-partijiet kienu ghaddejjin minn triq principali u l-konvenuta riedet tidhol go triq sekondarja. Meta giet biex taghmel din il-manuvra ghalhekk hija kellha l-obbligu li tara li setghet taghmilha minghajr riskju ghaliha u ghal haddiehor.

L-awtur Gibb, li spiss gie citat f’kawzi simili fil-manwal tieghu, Trial of Motor Car Accident Cases f’pagna 85 jghid hekk;

*A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle … making it impossible for the driver of the rear car to avoid the collision… The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care….*
*It is not enough to sound the horn or give some other signal, it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose.*

Sentenza li ghamlet enfasi fuq dan il-punt kienet dik moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fl-1968, il-Pulizija vs F. Schembri

L-attrici ghamlet hafna enfasi fuq il-fatt illi l-vettura taghha sofriet hsara fuq il-*mudguard*, izda dan ifisser biss li l-habta grat waqt li hija kienet qed taghmel il-manuvra taghha. Minhabba f’hekk gara li l-attur li ndubbjament kien qed jissporpassa sabitu maghha u ma lahqitx ghmamlet il-manuvra li riedet taghmel u allura jfisser ukoll li meta bdiet taghmilha ma kienx *safe* li tibda taghmilha. Konsiderazzjonijiet ta’ velocita’ ma jidhlux ghax sewwieq li se jmur kontra l-*flow* tat-traffiku irid ikun cert li l-vetturi l-ohra jibqghu ghaddejjin minghajr periklu.

Fl-istess hin hemm oneru fuq min jissporpassa u tali manuvra

ukoll ghandha ssir b'kawtela kbira. F'dan is-sens issir riferenza ghall-Artikolu 73 tal-*High Way Code* u s-sentenza maghrufa tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizja vs E Mallia, Vol XLIII. 1001.

Ghal hafna snin ir-responsabilita' ta' incidenti simili kienet tigi addossata fuq is-sewwieq li jibdel id-direzzjoni. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Jurgen Dobler vs Anthony Caruana (5 t' Ottubru, 1998);

*Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna tat precedenza f'dawn it-tipi ta' kollizjonijiet lil dak li jkun qed jissorpassa. Il-Qorti rreteniet diversi drabi illi f'kazijiet bhal dan in ezami l-preponderanza ta' probabilita' hija s-sewwieq li kien qed jikser lejn il-lemin ikun qasam ir-rotta (cut across the path) tas-sewwieq li jkun qed jissorpassah minghajr ma jkun tah adequate warning.*

Din is-sentenza ccitat fit-tul lill-awtur Buchanan (Liability in Motor Cases) fejn dan kiteb;

*In cases of collisions between right turning and overtaking it is first of all necessary to have regard to the duties of the right turning motorist.*

*Early decisions tended to consider that all the turning motorist was required to do was to give a clear indication to the following motorists of his intention. As regulations requiring a motorist to have a clear view through his rear view mirror of following traffic became stricter, it became the duty driver to keep a look out both in front and behind. He no longer complies with his duty unless, giving the turning signal, he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn.*

F’din il-kawza allura, il-Qorti tal-Appell irrevokat parzjalment

is-sentenza tal-Prim Awla illi kienet tat ragun lis-sewwieq li kien qed jigi sorpassat u qasmet it-tort kwantu ghal terz – zewg terzi favur is-sewwieq li kien qed jissorpassa. Din is-sentenza giet imbaghad segwita minn ohrajn, per ezempju fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-2 ta’ Ottubru, 2001 fl-ismijiet Sandra Bartolo vs Joseph Farrugia, fejn wiehed isib rassenja ta’ diversi sentenzi fuq il-materja.

F’dan il-kaz il-Qorti ma ssibx li ghandha tiddipartixxi minn din il-linja ta’ hsieb. L-attrici fin-nota taghha tghid li l-attur issorpassaha fuq in-naha hazin tat-triq izda hija stess tghid fl-affidavit taghha li *meta waqaft kwazi kont qbadt il-karregjata opposta. Illi hin minnhom waqt li kont ser nibda nsuq ghaliex ma kinux gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta u ghalhekk kelli quddiemi clear nisma’ daqqa gejja minn naha tieghi.* Dan ifisser allura li kienet ghadha ma qabditx in-naha l-ohra u li hija ma tatx kaz ghall-vetturi gejjin minn warajha. Minhabba pero’ li anke l-attur kellu dover joqghod attent qabel jissorpassa, il-Qorti ser taqsam it-tort fuq il-linja tas-sentenza Dobler vs Caruana u cioe’ terz - zewg terzi favur l-attur.

Stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jigi deciz l-ammont ta’ danni li ghandhom jigu akkordati lill-attur in segwitu ghall-incident stradali msemmi. Kuntrarjament ghal dak indikat fin-nota tal-osservazzjonijet tal-konvenuta, il-kawza thalliet ghas-sentenza anke fuq dan, fil-verbal ta’ l-ahhar seduta fuq imsemmija.

L-attur qed jirreklama kemm *damnum emergens* u kemm *lucrum cessans*. Fir-rigward ta’ l-ewwel, il-partijiet qablu permezz ta’ verbal fis-seduta tat-30 ta’ April, 2004 illi l-mutur ta’ l-attur gie dannegjat *beyond economic repair* u li l-valur tieghu kien ta’ erba’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm450). Minn dan il-Qorti ser tnaqqas is-somma ta’ hamsin Lira Maltin (Lm50) ghall-hekk imsejjah *wreck value* u ghalhekk il-kumpens ghandu jkun erba’ mitt Lira Maltin (Lm400).

Naturalment hija dejjem il-kwistjoni tal-*lucrum cessans* li

tipprezenta dejjem l-ikbar diffikoltajiet. Kif sewwa rrimarka l-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu din il-Qorti kif preseduta gie kellha diversi okkazzjonijiet tapplika r-regola adottata mis-sentenza Butler vs Heard fl-1967 mill-Qorti tal-Appell u hekk ser terga' taghmel f'din il-kawza. L-incident sehh fl-2001 meta l-attur kellu circa tnejn u ghoxrin (22) sena u ghalhekk illum hu ghandu sebgha u ghoxrin (27) sena. It-tabib kirurgu kuranti ta' l-attur ikkalkola d-disabilita' tieghu in segwitu ghall-incident ghal tmienja fil-mija (8%), fil-waqt li l-espert inkarigat mill-Qorti l-kirurgu Mr Sciberras ikkonkluda li din id-disabilita' hija ta' tnax fil-mija (12%). F'cirkostanzi simili l-Qorti tadotta l-istima tal-espert imqabbad minnha mhux ghaliex hija tiddistingwi bejn kirurgu u iehor izda ghal raguni strettament procedurali billi ma jaghmilx sens li l-Qorti tinnomina espert u mbaghad ma toqghodx fuq il-fehma tieghu sakemm ma jkollha xi raguni biex taghmel dan.

L-attur kellu dhul ta' hamest elef, sitt mija u disgha u erbghin Lira Maltin (Lm5,649) fis-sena tal-incident u ma esebixxiex dokumenti ohra u kwindi l-Qorti ser toqghod fuq din is-somma; kwantu ghall-hekk imsejjah *multiplier*, tenut kont ta' l-eta' tal-attur ikun xieraq li jigi mahdum fuq perjodu ta' tletin sena. Il-Qorti kif preseduta gia' kellha okkazjonijiet ohra li tiddeciedi kawzi simili u dejjem hadmet fuq ammonti accertati, minghajr tnaqqis jew zidiet ghall-inflazzjoni, biex kemm jista jkun tkun konsistenti fid-decizjonijet taghha. Dan anke ghaliex jekk wiehed inaqqas minhabba t-taxxa u jzid ghall-inflazzjoni, jibqa' fejn hu.

Ghalhekk tnax fil-mija (12%) ta' hamest elef, sitt mija u disgha u erbghin Lira Maltin (Lm5,649) multiplikat bi tletin jammonta ghal ghoxrin elf, tlett mija u sitta u tletin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm20,336.40) li minnhom il-Qorti ser tnaqqas ghaxra fil-mija ghall-konsum u kwindi l-ammont jigi tmintax-il elf, tlett mija u tnejn Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm18,302.76). Billi mid-data ta' l-

incident ghaddew hames snin il-Qorti ser tnaqqas hamsa fil-mija (5%) minflok l-ghoxrin fil-mija (20%) soliti u ghalhekk l-ammont isir sbatax-il elf, tlett

mija u sebgha u tmenin Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm17,387.62) li maghhom jizdiedu l-erba' mitt Lira Maltin (Lm400) ghall-mutur, b'kollox sbatax-il elf, seba' mija u sebgha u tmenin Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm17,787.62). Iz-zewg terzi pagabbli mill-konvenuta allura jkunu hdax-il elf, tmien mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm11,858.41).

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u ghalhekk tilqa' t-talbiet ta' l-attur kif gej u cioe;**

**1. tiddikjara l-konvenuta responsabbli ghall-incident in kwisjtoni u d-danni konsegwnzjali ghal zewg terzi;**

**2. tillikwida d-danni li sofra ghas-somma ta' hdax-il elf, tmien mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u wiehed u erbghin centzmu (Lm11,858.41);**

**3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf, tmien mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u wiehed u erbghin centzmu (Lm11,858.41).**

**L-ispejjes jithallsu kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------